# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta taʼ nhar it-Hamis tlieta u ghoxrin (23) taʼ Novembru 2017**

**Rikors Numru 25/16 FDP**

**Duncan Calleja**
**(ID 104289 M)**

**vs**

**Mapfre Middlesea plc**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fil 11 ta’ Frar 2016 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti tikkundanna lis-socjeta intimata thallsu is-somma ta’ sebat elef u mitejn Euro (€7,200) rappresentanti l-valur tal-vettura EBT-359 tal-marka Peugeot, li giet misruqa nhar id-9 ta’ April 2015, ghal liema serqa l-esponenti kien kopert permezz ta’ polza tal-assikurazzjoni nru PC/AIL/18225 bir-referenza taghhom PC/004275/CM AIL PT.

Rat ir-risposta tas-socjeta intimata ppresentata fl-1 ta’ April 2016 fejn laqghet ghal dak mitlub billi qajjemet is-segwenti eccezzjonjiet:

1. Illi t-talba tar-rikorrenti ghall-ammont ta’ sebat elef u mitejn Ewro (€7,200) hija eccessiva peress illi dan l-ammont ma jirriflettix il-valur tas-suq tal-vettura EBT-359 tal-marka Peugeot li giet misruqa

2. Illi r-rikorrenti irid jipprova d-danni realment subiti minnu

3. Salvi eccezzjonjiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

Semghet ix-xhieda tar-rikorrent **Duncan Calleja** moghtija fid-19 ta' Mejju 2016 flimkien mad-dokumentazzjoni minnu esebita.

Semghet ix-xhieda ta' **Vanessa Sammut**, impjegata ma' socjeta intermedjarja tal-assikurazzjoni b'ufficjju gewwa San Gwann, u prodotta mir-rikorrenti fl-4 ta' Lulju 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Karen Cremona**, rappresentanta ta' Transport Malta, prodotta mir-rikorrenti fl-24 ta' Ottubru 2016, u rat id-dokumentazzjoni minnha esebita.

Rat illi fis 6 ta' Marzu 2017, wara illi r-rikorrent ma kienx deher u ma kienx ressaq provi fis-seduta precendenti tat-12 ta' Jannar 2017 u lanqas fis-seduta tas-6 ta' Marzu 2017, il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti bhala maghluqa.

Semghet ix-xhieda ta' **Matthew Micallef**, Supervisor fil-Motor Claims Department tas-socjeta intimata u rat id-dokumentazzjoni minnu esebita, liema xhud gie prodott fit 8 ta' Mejju 2017.

Semghet ix-xhieda ta' **Julian Vassallo**, gia impjegat mas-socjeta intimata kif ukoll mas-socjeta Allcare Insurance, liema xhud gie prodott mis-socjeta intimata fid-9 ta' Ottubru 2017.

Rat illi fid 9 ta' Ottubru 2017, is-socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet it-trattazzjoni finali ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, wara liema trattazzjoni il-kawza giet differita ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti mir-rikorrent, illi f'Dicembru 2014 huwa kien xtara il-vettura Peugeot 307CC bil-magna petrol tas-sena 2005, liema vettura huwa xtara ghas-somma ta' €8,400 u dana bi tpartit, fejn huwa partat il-Landrover tieghu li kien bieghu ghal €10,000 u l-bejjiegh hallsu il-bilanc fi flus.

Jirrizulta illi hekk kif xtara il-vettura, huwa mar ghand is-socjeta Allcare Insurance Limited fejn, inizzjalment assikuraha *third party* sabiex ikun jista jdawwarha ghal fuqu u, sussegwentement, wara illi rappresentanti tas-socjeta Allcare Insurane Limited inspezzjonaw il-vettura fil-garage taghhom, skond ir-rikorrent, huma hargulu polza tal-assikurazzjoni fuq bazi *fully comprehensive* u assikurawhielu ghas-somma ta' €8,200, ossija ftit anqas mill-prezz illi huwa kien xtraha.

Jirrizulta illi fit-8 ta' April 2015, il-vettura tar-rikorrent sfat nieqsa ghax insterqitlu u ghalhekk mar jaghmel rapport ghand il-Pulizija u eventwalment mar ghand l-assikurazzjoni tieghu sabiex jaghmel claim maghhom u ghaddhielhom il-polza tal-assikurazzjoni li kellu kif ukoll il-log book tal-vettura, liema dokumenti baqghu fil-pussess taghhom.

Jirrizulta illi sussegwentement, is-socjeta Mapfre - Middlesea Insurance plc, illi kienet hadet l-operat kollu tas-socjeta Allcare Insurance Limited peress illi dina kienet waqfet topera, kienet gharrfet lir-rikorrent illi, filwaqt illi kienet qieghda taccetta l-claim tar-rikorrent ghal rimbors wara is-serqa tal-vettura tieghu, hija kienet disposta toffri lir-rikorrent is-somma ta' €4,500.

Jirrizulta illi r-rikorrent ma accettax tali somma u ghalhekk, eventwalment, huwa kiteb lis-socjeta Allcare tramite l-konsulent legali tieghu fid 19 ta' Settembru 2015 u is-socjeta Middlesea Insurance plc, b'ittra datata 29 ta' Settembru 2015, irrispondiet kif gej: (fol 24 u 63)

> *Our settlement offer of €4,500 reflects the current market value of a similar UK import. This may be amply verified with a few checks on Auto Trader Uk link including trasport to and registration in Malta.*

Jirrizulta illi r-rikorrent jghid li sussegwentement huwa mar gewwa l-ufficini tas-socjeta Middlesea ta' San Gwann u, bi pretest li kellu vettura simili sabiex jassikura maghhom, ghadda d-dettalji kollha lill-persuna inkarigata li, da parte taghha, ghamlet referenza ghal lista ta' valutazzjoni ippubblikata fuq guidebook mahruga mill-Malta Insurance Association fl-1 ta' Jannar 2015 fejn, a fol 256 ta' tali ktieb, hemm indikat li l-market value ta' vettura ezatt bhal tieghu kellha tkun ta' €7,200. (fol 33)

Jirrizulta illi r-rikorrent ha ritratt ta' tali ktieb, illi huwa esebixxa a fol 25 tal-process, estratt ta' liema ktieb eventwalment gie esebit minn xhud prodott mir-rikorrent, a fol 33, u kkonfermat ukoll mix-xhud tas-socjeta intimata, Matthew Micallef, a fol 54.

Jirrizulta illi eventwalment saru l-proceduri odjerni.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta illi s-socjeta intimata qieghda tiddefendi l-proceduri odjerni billi tghid t-talba hija eccessiva peress illi ma tirriflettix il-valur tas-suq tal-vettura Peugeot 307 CC li kienet propjeta' tar-rikorrenti u li insterqitlu.

In sostenn ta' tali argument, is-socjeta intimata eebiet estratt tal-Polza tal-assikurazzjoni taghhom illi tghid, fost affarjiet ohra, is-segwenti fl-ewwel sezzjoni intitolata "**Cover for your vehicle**":

> *The maximun amount payable by us is limited to the reasonable market value of your vehicle at the time of the loss or damage but not exceeding the Sum Insured as stated in the schedule. It is agreed that in any dispute over the market value of your vehicle, it will be your exclusive responsibility to prove that the market value of your vehicle at the time of the loss was higher than that established by us.*

Is-socjeta intimata imbghad tghaddi biex tghid illi hija ghamlet verifiki fuq www.maltapark.com kif ukoll fuq www.autotrader.co.uk u, minn stharrig minnha maghmul, ikkonkludiet illi la darba il-vettura ingibet minn l-Ingilterra, il-market value tal-vettura kellu jkun ta' €4,500, u ghalhekk kienu disposti joffru biss dik is-somma.

## Ikkunsidrat

Mill-provi prodotti quddiemha, jirrizulta illi ftit qabel ma' l-vettura tar-rikorrenti insterqet, ossija it 8 ta' April 2015, is-socjeta Allcare Insurance Limited kienet gharrfet lir-rikorrenti li l-vettura

tieghu, li kienet assikurata ghal €8,200, kellha l-assikurazzjoni taghha li kellha tigi rinnovata sa' l-1 ta' Gunju 2015. (fol 19).

Jirrizulta ukoll illi skond il-*guidebook* mahrug mill-Malta Insurance Association u li jintuza mill-assikurazzjonijiet kollha lokali, il-market value fl-1 ta' Jannar 2015 tal-vettura Peugeot 307 CC 1.6lit Dynamic 138 Petrol li kienet tinkudi Air Conditioner, Power Steering, Anti-Lock Braking System u Electric Windows ghas-sena Jannar 2014 kien ta' €8,200 filwaqt illi ghas-sena Jannar 2015 kien imnaqqas ghal €7,200. (fol 33)

Jirrizulta illi meta r-rikorrent assikura l-vettura tieghu mas-socjeta Allcare Insurance Limited f'Dicembru 2014, il-*market value* moghtija lill-vettura, wara illi spezzjonaw il-vettura, kien ta' €8,200, fatt illi jidher ikkonfermat mir-*renewal notice* mibghuta mill-istess Allcare Insurance Limited fejn ikkonfermaw il-valur gia moghtija u gharrfu illi l-*premium* li kellu jhallas ghal polza '*Fully Comprehensive*' kellu jkun ta' €492.57.

Jirrizulta illi r-rikorrent sahaq li, hames xhur qabel ma insterqitlu l-vettura, huwa kien xtara il-vettura bi tpartit ghal valur ta' €8,400.

Jirrizulta, finalment, illi fil-kaz odjern, ir-rikorrent qieghed jitlob ghal hlas tal-market value ghas-sena 2015, u mhux dik illi kien hallas il-premium ghalihom originalment, ossija dik tas-sena 2014.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti ma tistax ma tosservax illi huwa kemmxejn inverosimili jekk mhux gharrieqi illi s-socjeta tal-assikurazzjoni titlob il-hlas ta' premium abbazi ta' valutazzjoni minnha maghmulha, ossija dik ta' €8,200 u imbghad, meta tali vettura tinsteraq <u>hames xhur wara</u>, jaghzlu huma arbitrarjament illi jnaqqsu l-valur ta' tali vettura bi ftit anqas minn nofs u joffru biss €4,500, u dana wara illi huma gew imhallsa premium ghal valur ferm oghla, liema valur, del resto, kien gie suggerit u stabbilit minnhom stess, abbazi tal-guidelines mahruga mill-Malta Insurance Association.

Il-Qorti wkoll ma tistax ma tosservax illi l-valur ta' €4,500 ma jista qatt jitqies bhala "*reasonable market value*" tal-vettura, anke in vista tal-fatt illi s-socjeta intimata ibbazat tali konsiderazzjonijiet fuq stharrig illi hija ghamlet unikament fuq l-internet minghajr ma kienet f'pusizzjoni illi tassikura li l-vetturi l-ohra li maghhom huma qabblu l-prezz kienu attwalment ta' l-istess kwalita' tal-vettura illi kellu r-rikorrenti.

Finalment, ghalkemm is-socjeta intimata tikkontendi illi hemm valuri differenti ghal vetturi mixtrija lokalment u dawk importanti minn barra minn Malta '*second hand*', tali differenza ta' valur ma jidihirx rispekkjat fuq il-guidebook tal-Malta Insurance Association, fejn hija taghmilha cara li vettura bhal dik tar-rikorrent, fis-sena 2015 kellha '*market value*' ta' €7,200, u dana minghajr ebda distinzjoni ta' dana it-tip.

Il-Qorti ghalhekk tikkonkludi illi ma tara ebda raguni ghaliex ir-*reasonable market value* tal-vettura meta insterqet lir-rikorrent u meta, ghalhekk, kien jiskatta l-obbligu fuq is-socjeta intimata illi thallas ir-risarciment, ossija f'April 2015 ma ghandhux ikun dak stabbilit mill-Malta Insurance Association, ossija €7,200.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi semghet is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichad** l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta intimata,

**Tilqa** t-talbiet attrici, u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lir-rikorrenti is-somma ta' **sebat elef u mitejn Euro (€7,200)**, rappresentanti l-*market value* tal-vettura Peugeot 307 CC bin-numru ta' registrazzjoni EBT-359 fid-data meta dina insterqet, ossija 8 ta' April 2015.

**Spejjez** kollha tal-proceduri odjerni u **Imghax** kalkolabbli mid 19 ta' Settembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv ikun a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur